**MID-DLAM GHAD-DAWL**

**Konferenza dwar it-Tfal tal-Prigunieri**

**19 ta' Novembru 2022**

**Onorevoli Ministru Falzon**

**Onorevoli Ministru Camilleri**

**Dr Azzoppardi**

**Ghaziza Sinjura Vassallo**

Ms Lucy Gampell, it is truly a pleasure to see you in Malta. Having you with us, as an authority in the field, it is encouraging. As you well know I have followed Children of Prisoners Europe for a long time, and also was privileged to participate in some of your events. As Eurochild President I continue to be aware of the invaluable work you do in Europe, to ensure that all children, and in particular Children of Prisoners, can enjoy their rights.

Gheziez Kollegi u Hbieb

Specjalment it-tfal lprezenti maghna fis-sala jew le, INSELLMILKHOM.

**Grazzi ta' l-istedina George, biex nindirizza din il-Konferenza, li ghalija ghandha importanza partikolari.**

**Konferenza importanti, ghaliex ghall-ewwel darba se nitkellmu u niffokaw, mhux fuq il-habs u l-prigunieri, izda fuq possibilita' ta' habs iehor barra l-habs. Dan ghaliex it-tfal li ghandhom xi genitur jew**

**familjari li qieghed il-habs, Ir-ricerka internazzjonali turina li t-tfal tal-prigunieri jghixu f'habs invizibbli, habs emozzjonali, psikologiku u trawmatiku daqs li kieku kienu f'habs propju.**

**Ir-ricerka turina wkoll li t-tfal tal-prigunieri ghandhom cans akbar li jesperjenzaw diffikultajiet ta' sahha kemm fizika kif ukoll mentali, inkluz dipressjoni u ansjeta' ….. jesperjenzaw instabbilita' finanzjarja fil-familji taghhom, u anke jigu f'riskji ta' homelessness. Ir-ricerka tkompli turina li fl-iskola hemm cans kbir li jaqghu lura u johorgu kmieni mill-iskola minghajr hiliet.**

**Nafu wkoll li hafna tfal ta' prigunieri ma jkunux iridu jitkellmu dwar hajjithom, u ohrajn li jkunu lesti li jitkellmu ihossuhom li ma jistghux jghidu kollox, ghax ma jafdawx. Dawn huma il-kawzi li hafna drabi narawhom ukoll, jimmanifestaw ruhhom f'rabja kbira fit-tfal.**

**Biex inqieghed aktar kuntest ghal dak li qed nghid se naqsam maghkom esperjenza li kelli ma' tifla ta' 14-il sena, li qaltli u qed nikkwota:**

**'Hadd ma jista jifhem minn x'hiex ghaddejja u hadd ma jrid jifhimni. Jien tghallimt minn ckuniti biex ma nghid xejn l-iskola dwar missieri,**

ghax meta tkellimt, bdew jittrattawni differenti u kelli xi hbieb lanqas baqghu jkellmuni.

Tkellimt u taf x'naf, l-istorja ta' missieri bdiet tintuza kontra tieghi, u bdew jiddentifikawni bhala, dik li ghandha missierha l-habs. Mhux biss, izda f'sena partikolari kelli ghalliema li kull meta kont naghmel xi haga kienet tghidli: "oqghod attentata ghax tispicca bhal missierek". Niftakar tghidx kemm kont nibki, u minn dakinhar ma stajtx nikkoncentra l-iskola, tant li kont immur l-iskola ta' bilfors u qatt ma stajt insegwi. Spiccajt ukoll nivvinta l-iskuzi biex ma mmurx u bdejt infalli bl-addocc. Bdejt naqa' lura u aktar ma naqa' lura aktar ma stajtx inkompli.'

Din storja rejali, li smajtha kemm il-darba minn tfal li jkolli kuntatt maghhom. Tassew stejjer tal-biki, li tara tfal f'eta' daqshekk zghir imkissra, qalbhom maqtughha u ma jafux x'se jaghmlu b'hajjithom.

Normalment it-tfulija u z-zghozija huma zmien li taspira u jkollok l-ambizzjonijiet u thares lejn il-futur. Izda ghal tfal bhal dawn, minhabba n-nuqqas tal-genituri, hajjithom tigi irvinata minn ckunithom minghajr htija. Htija tan-nuqqas ta' gharfien u sistemi ta' sapport f'waqtu fis-socjeta'.

**Hemm ricerkaturi li jipparagunaw t-trawma li jesperjenzaw it-tfal tal-prigunieri mat-trawma f'cirkostanzi ta' abbuz, jew vjolenza domestika. Jghidu li dawn it-tfal ghandhom riskji kbar ta' low self-esteem u ta' abbuz ta' sustanzi u alcohol.**

**Hemm studji li jghidu li tfal ta' prigunieri ghandhom cans ta' tlett darbiet aktar li jidhlu fis-sistema kriminali gudizzjarja, aktar minn tfal ohra. U m'ghandniex ghalfejn immorru 'l boghod, ghaliex nafu b'kazijiet ta' kriminalita' intergenerazzjonali f'pajjizna stess.**

**Bdejt b'dan ir-rakkont ghaliex tant it-tfal tal-prigunieri, kienu minsija ghal hafna zmien, li rrid nirrikonoxxi x-xoghol ta' George Busuttil u l-ghaqda mhix governattiva, mid-Dlam ghad-Dawl, li ghall-ewwel darba qed igibuna flimkien biex niffokaw fuq dawn it-tfal.**

**Ghalhekk irrid anke f'isem dawn it-tfal li ilhom ibatu minn stigma u tant u tant sfidi ohra, nirringrazzjakom ghal pass li sar, bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru ta' l-Intern, biex inghata bidu ghal Programm JIEN u INT ….. il-binja 'l gdida li giet attrezzata apposta fejn it-tfal jistghu jiltaqghu mal-genituri taghhom minghajr ma jidhlu wara l-kancelli tal-habs u anke jinghata sapport lil familja.**

**Ninsab ferm kuntenta li wara tant snin nitkellmu, dwar il-bzonn li t-tfal tal-prigunieri ma jghaddux mill-esperjenza fizika tal-habs, issa f'Malta ghandna spazju sigur ghat-tfal 'l boghod mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.**

**Nittama li wara dan il-pass importanti, nimxu ghal aktar passi ohra, fejn nassiguraw li l-ufficjali li jiehdu hsieb dan il-post, ikunu trained dwar kif igibu ruhhom mat-tfal.**

**Nittama wkoll li l-ufficjali inkarigati minn dan il-bini ma jkunux bl-uniformi fil-prezenza tat-tfal, u lanqas isir tiftiex fuq it-tfal, qabel jidhlu fejn il-genituri.**

**Issa li bdejna b'dan il-pass pozittiv irridu nkomplu ntejbu fuq dak li bdejna, sabiex nassiguraw li t-tfal ma jkomplux jghaddu minn esperjenzi trawmatici, bla htiega. Dawn il-passi jinhtiegu bidla fil-mentalita' tas-socjeta' taghna. Jinhtieg gharfien li t-tfal bi dritt ghandhom igawdu l-genituri taghhom u li m'ghandhomx igorru r-responsabillitajiet tal-genituri taghhom.**

**U hawn irrid niehu l-okkazjoni biex minn qalbi, nirringrazzja lil dawk kollha li jahdmu f'dan il-qasam; kemm dawk li jahdmu mal-adulti fil-**

facilita' korrettiva, kif ukoll dawk kollha li qed jahdmu mat-tfal tal-prigunieri.

Dan mhux ambjent facli li tahdem fih. Nafu kif is-socjeta' thares lejn il-prigunieri.

Nafu li meta nahdmu f'qasam mistkerrah mis-socjeta', ix-xoghol ta' dawk kollha involuti, isir aktar difficli.

Hawnhekk ukoll niehu l-okkazzjoni, biex nenfazizza fuq l-importanza tas-sapport li ghandu jinghata lil dawn il-haddiema, permezz ta' supervision terapewtika kemm fuq bazi individwali, kif ukoll fi gruppi. Ma jistax jkollna haddiema b'sahhithom mentalment, emozjonalment u psikoligakament f'dan is-settur, jekk ma jkollhomx pyschosocial support system xierqa u accessibbli.

Inheggeg ukoll li dawn is-servizzi ta' gharfien u support, jinghataw ukoll lil dawk kollha li jahdmu mat-tfal inkluzi l-ghalliema. It-tfal iqattghu hafna hin l-iskola. Ghalhekk huwa spazju important hafna ghalihom, li jkollhom madwarhom persuni li huma f'pozizzjoni li jifhmuhom, jghadruhom u jghinhom, biex jghelbu l-isfidi taghhom u jkomplu b'hajjithom.

**Izda biex dan isehh, jehtieg li l-ghalliema jkunu infurmati u safejn possibli trained ukoll biex jgharrfu dawn it-tip ta' sfidi u jirreferu lit-tfal ghall-ghajnuna. Jiena inqis lill-ghalliema bhala primary workers mat-tfal kollha izda partikolarment mat-tfal vulnerabbli bhalma huma it-tfal tal-prigunieri.**

**Issa ghandi t-tama, li bdejna bhala pajjiz ngharrfu li t-tfal tal-prigunieri m'ghandomx jghixu l-kundanna u s-sentenza ta' habs mal-genitur taghhom, izda ghandu jkollhom hajja hielsa minn dawn l-isfidi. Ghalhekk jinhtieg li nkomplu nibnu t-triq li bdejna.**

**Nemmen li primarjament jinhtieg li ninvestu f'ricerka lokali u biex nistabilixxu indikaturi cari tas-sitwazzjoni attwali dwar il-bzonnijiet ta' dawn it-tfal.**

**Nemmen li ghandna bzonn ta' strategija u pjan ta' azzjoni, li jkun ibbazat fuq l-evidenza, biex la jinhela hin u lanqas rizorsi.**

**Ghalija kien pass pozittiv hafna li l-Ministeru ta' l-Intern qed jahdem mill-qrib l-organizazzjoni mhux ggovernattiva Mid-Dlam ghad-Dawl.**

**Nemmen izda li jinhtieg li nistabbilixxu network ta' stakeholders biex ingibu l-expertise divers flimkien biex nibnu pjan holistiku u mhux permezz ta' piece meal approach.**

**Jinhtieg zvilupp ta' Sistema shiha ta' support biex ikollna impatt u nahsdu l-frott mixtieq.**

**Jinhtieg ghalhekk li nahdmu flimkien u ma' kulhadd, biex nassiguraw li dan il-cohort ta' tfal ma nkomplux nitilfuhom. Jekk nahdmu flimkien b'mod inter-ministerjali u inter-dipartimentali, ma' l-ghaqdiet tas-socjeta' civili, professjonisti, akkademici u stakeholders ohra, konvinta li naghtu hajja mill-gdid li dawn it-tfal u nassigurawlhom li d-drittijiet taghhom ikunu tassew imharsa.**

**Dak li naghmlu maghhom, huwa investiment illum fihom izda huwa investiment ghal ghada fis-socjeta' shiha taghna.**

**Dak li naghmlu ma' dawn it-tfal mhux karita' jew qed nivvintaw ir-rota, izda dan huwa dritt fundamentali tat-tfal u responsabilita' shiha taghna l-kbar.**

**Artiklu 9 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-drittijiet tat-Tfal jgħid, b'mod ċar li t-tfal m'għandhomx jiġu mifruda minn mal-ġenituri tagħhom. U ghalhekk, li pass li sar, fejn it-tfal jistghu jiltaqghu mal-genituri taghhom fi spazju sigur u f'ambjent il boghod**

**mill-kancelli tal-habs, huwa pass kbir il quddiem li jirrispekkja dan id-dritt fundamentali taghhom.**

**Li tkun tfal fid-dinja ta' llum mhix facli.**

**Li tkun tfal ta' genitur li qieghed il-habs hija ferm aktar difficli.**

**Li tghix f'socjeta' li tiggudikak u tippregudikak, hija sfida li rridu nahdmu biex nghelbuha flimkien.**

**Sfortunatament, it-tfal tal-prigunieri huma invizibli. It-trauma li jghixu fiha hija invisibli, m'ghandiex wicc u m'ghandiex vuci.**

**Dawn huma tfal stigmatizzati. Tfal li s-socjeta' taghna qed twaddabhom fil-periferija u teskludihom.**

**Jehtieg li nahdmu flimkien u mill-qrib ma' dawn it-tfal.**

**Jehtieg li dawn it-tfal naghtuhom spazju sigur biex jitkellmu, ghax huma l-esperti fuq hajjithom. Huma jistghu jinfurmawna. Huma jistghu jdawwlulna t-triq li bdejna, izda li rridu nkomplu mixjin fiha.**

**Jehtieg li naghtuhom hajjithom lura li hija dritt taghhom, b'sistema ta' support b'sahhitha, biex jkunu f'qaghda reziljenti bizejjed li jghelbu l-isfidi kbar psikologici u emozzjonali. Jinhtieg li nahdmu fuq pjan holistiku.**

**Bdejna izda ma nistghux nieqfu.**

**Jinhtieg ninvestu aktar u nahdmu aktar.**

**Jinhtieg li nahdmu flimkien.**

**Meta lil George stedintu biex jakkumpanjani fuq attivitajiet ta' Children of Prisoners Europe, u biex inzuru anke facilitajiet korrettivi barra minn Malta, konna ghadna biss noholmu.**

**Konna  bdejna biss it-triq ta' l-gharfien.**

**F'dawn l-ahhar xhur bdejn it-triq propja.**

**Ghadna fil-bidu izda nemmen bir-rieda u bid-determinazzjoni politika, izda wkoll bl-investiment misthoqq u b'kollaborazzjoni wiesgha ma' l-istakeholders kollha inkluzi l-organizazzjonijiet tas-socjeta' civili nistghu nsalvaw lil dawn it-tfal u nkissru c-crieki perikoluzi intergenerazzjonali ta' delikwenza u kriminalita'.**

**Li tibda l-hajja b'dan il-piz, mifrud minn genitur ghaliex qieghed il-Habs, huwa piz enormi, li l-ebda tifel jew tifla ma ghandhom igorru, jew inkella li jostru fihom u jzommuh b'sigriet, ghax jigu mlaqqma u stigmatizzati mill-kommunita' taghhom u s-socjeta' li jghixu fiha.**

**Kollha kemm ahna, xi darba konna tfal.**

Kollha kellna xi darba xi sigriet.

Nixtieqkom tiftakru f'dawk l-esperjenzi tat-tfulija meta ghamilna xi haga mhux f'lokha u zammejnieha b'sigriet.

Sigriet li dejjem tostru, ma jmurx xi hadd jinduna jew isir jaf. X'turbulazzjoni mentali tghaddi minnha!

Issa immaginaw dawn it-tfal jghixu b'xi haga li m'ghamlux huma, izda ma jistghux jitkellmu dwarha u jkollhom jostru biex ma jigux ikkundannati u stigmatizzati.

Dawn it-tfal jghixu b'dan it-toqol kuljum.

Hadd m'ghandu jghix hajja bhal din ahseb u ara tfal innocent kemm hija aktar difficli ghalihom.

F'dawn ic-cirkostanzi hemm zewg ghazliet, jew nieqfu hawn u nipperikolaw li nkomplu nitilfu aktar tfal, jew li ninvestu fis-support ghal dawn it-tfal biex jgawdu hajjithom.

Jien nawgura aktar investiment fit-tfal.

Dan jixirqilhom dawn it-tfal, ghax dawn huma t-tfal taghna wkoll.

Irridu nkunu kuragguzi u ninvestu f'sistemi ta' support bikri, halli dawn it-tfal jemmnu fihom infushom. Jgharrfu li kulhadd suggett

**ghall-izball u li huma m'ghandhomx htija, izda fuq kollox we empower them biex jemmnu fil-kapacitajiet taghhom.**

**Ghalhekk inheggeg lill-awtoritajiet taghna biex ninvestu fid-dinjita' tat-tfal halli jkunu jistghu jgawdu hajjithom kif jixirqilhom u bi dritt.**